MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 323/2018 LM

**L-Avukat Dr Peter Caruana Galizia (K.I. nru. 30056M), Matthew Caruana Galizia (K.I. nru. 130886M), Andrew Caruana Galizia (K.I. nru. 384287M), u Dr Paul Caruana Galizia (K.I. nru. 8989M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Avv. Christian Cardona (K.I. nru. 364572M)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **l-Avukat Dr Peter Caruana Galizia (K.I. nru. 30056M), Matthew Caruana Galizia (K.I. nru. 130886M), Andrew Caruana Galizia (K.I. nru. 384287M)** u **Dr Paul Caruana Galizia (K.I. nru. 8989M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-

Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fil-15 t'April, 2024, li ddeċidiet it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat **l-Avukat Christian Cardona (K.I. nru. 364572M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

> "*Għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u tiddikjara l-azzjoni bħala milquta mill-eċċezzjoni ta'* res judicata*. Konsegwentement, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.*
>
> *L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-atturi.*"

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tat-talba tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti talbu li l-intimat ikun ikkundannat iħallashom bħala l-eredi *ab intestato* ta' Daphne Caruana Galizia, li nqatlet fis-16 ta' Ottubru, 2017, is-somma ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2,329.38) u mhux iżjed minn tlettax-il elf, disa' mija sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) bħala penali a tenur tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, talli wara li talab u kiseb fis-7 ta' Frar, 2017, il-ħruġ ta' żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji numri 213/2017 u 214/2017 għas-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) kontra l-imsemmija Daphne Caruana Galizia, u talli wara li ppreżenta żewġ kawżi fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) numri 29/2017 u 30/2017, naqas milli jidher u jġib provi in sostenn tat-talbiet tiegħu fiż-żewġ kawżi, liema kawżi ġew ikkanċellati fil-31 ta' Mejju, 2018 a tenur tal-artikolu 199 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema mandati u kawżi r-rikorrenti jgħidu li saru

b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju għall-finijiet tas-sub-inċiż (d) tas-sub-artikolu (8) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12.

3. L-intimat fir-risposta tiegħu eċċepixxa l-irritwalità tal-azzjoni fir-rigward ta' dawk ir-rikorrenti, li jirriżultaw li kienu assenti minn Malta meta ġiet ippreżentata l-kawża. Żied jgħid li Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia għandhom jippruvaw li ma kinux assenti minn Malta meta ġiet ippreżentata l-kawża. L-intimat eċċepixxa wkoll in-nullità tal-azzjoni attriċi in kwantu bbażata fuq l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ma saritx skont il-proċedura preskritta mil-liġi. L-intimat eċċepixxa wkoll il-ġudikat billi l-istess talbiet diġà ġie deċiż bejn l-istess partijiet meta l-Qorti kienet qiegħda tittratta l-kawża dwar il-jedd tal-eċċipjent. L-intimat eċċepixxa wkoll li r-rikorrenti għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom f'dawn il-proċeduri sabiex ikunu jistgħu jipproponu din l-azzjoni bħala eredi *ab intestato* ta' Daphne Caruana Galizia. Finalment l-intimat eċċepixxa li t-talbiet tar-rikorrenti huma legalment u fattwalment infondati, billi mhuwiex minnu li meta ġew ippreżentati l-kawżi u l-mandati kawtelatorji in kwistjoni, huwa aġixxa b'mod malizzjuż, frivolu jew vessatorju fit-termini tas-subartikolu (8) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u qal li għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

## **<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-15 t'April, 2024, il-Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, u laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimat li l-kwistjoni odjerna għaddiet in ġudikat, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

*Illi qabel din il-qorti tidħol fil-kwistjoni tal-każ, sejra tanalizza t-tielet eċċezzjoni mressqa mill-konvenut rigward li f'dan il-każ kien hemm ġudikat. Illi huwa espona li l-istess talbiet ġa ġew deċiżi bejn l-istess partijiet (jew l-awturi tagħhom) mill-qorti li kienet qed tittratta l-kawża dwar il-jedd tal-eċċipjent. Illi f'dan il-każ, id-deċiżjoni tal-Qorti li tgħaddi mill-ewwel fuq din il-kwistjoni tal-ġudikat hija sabiex jekk il-fatti jirriżulta li kien il-każ, allura ma hemm ebda skop li tidħol fuq il-kwistjonijiet l-oħra mressqa.*

*In tema legali jiġi osservat li l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija maħsuba sabiex ikun hemm ċertezza u għalhekk huwa prinċipju msejjes fuq l-interess pubbliku. Illi għalhekk dawn il-jeddijiet li jkunu diġà ġew deċiżi b'sentenzi mogħtija tassigura li ma jkunx hemm sentenzi konfliġġenti dwar l-istess materja, jew agħar minn hekk li jitħallew miftuħa kwistjonijiet li jservu ta' dannu għal dawk id-drittijiet ġia determinati b'sentenza. Meta l-Qorti tiġi biex teżamina l-eċċezzjoni ta'* res judicata*, kif ritenut mill-Qorti tal-Apppell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Novembru, 2007, fl-ismijiet* ***Martin Gauci et v. K.M.L. Manufacturing Limited****:*

> "Ma jidhirx li huwa inopportun li jiġi dejjem imfakkar illi l-*exceptio judicati* hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija *strictissimae interpretationis*. Tant illi, kif jissokta jingħad, b'ċitazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Palermo (3 ta' Marzu 9) "*la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argomenti più o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata". Ara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, Sede Kummerċjali, tal-5 ta' Novembru, 1934 in re: "Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et" mil-liema din is-silta hi meħuda. Tagħlim dan riaffermat b'approvazzjoni fis-sentenza tal-istess Qorti tal-1 ta' Ottubru, 1992 fil-kawża fl-ismijiet "Dottor Jose Herrera nomine -vs- Anthony Cassar et nomine".*

*Illi l-Qrati meta studjaw u urew il-kwistjonijiet fil-materja tal-ġudikat sabiex jiġi determinat jekk dan kienx jeżisti f'ġudizzju preċedenti jeħtieġ li jiġu sodisfatti tliet elementi jew rekwiżiti oġġettivi li huma essenzjali u li jridu jikkonkorru. Biex tikkonfigura l-eċċezzjoni tar-*res judicata *jew il-ġudikat huwa neċessarju li jirrikorru t-tliet elementi (ara sentenza fl-ismijiet* **Igino Trapani Galea Feriol et v. James Agius et,** *tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Lulju, 1996):*

1. Eadem res*, jiġifieri l-identità tal-oġġett tal-ġudizzju;*
2. Eadem causa petendi*, jiġifieri l-fatt ġuridiku li minnu jitwieled id-dritt reklamat;*

3. Eadem personae*, jiġifieri, li l-ġudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalità.*

*Jiġifieri dak li jkun qed jintalab fl-aħħar kawża irid ikun bejn l-istess partijiet, l-istess pendenza u l-istess oġġett. Jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ jirriżulta li hemm it-tliet elementi allura l-Qorti għandha tilqa' din l-eċċezzjoni. Illi sabiex ikun hemm il-ġudikat f'dawn iċ-ċirkostanzi, irid jiġi ppruvat dawn it-tlett elementi essenzjali u jekk jirriżulta li jkun hemm wieħed nieqes, allura f'dan il-każ ma jistax jingħad li hemm ġudikat. Sabiex din l-eċċezzjoni tirnexxi b'suċċess huwa imperattiv illi ċ-ċirkostanzi fil-kawża li tkun għaddiet in ġudikat ikunu identiċi għal dawk tal-kawża kif proposta. Jekk jirriżulta tibdil fiċ-ċirkostanzi ma jkunx possibbli li tintlaqa' l-eċċezzjoni u l-kawża tkun tista' terġa' tiġi proposta mingħajr ebda diffikultà. Il-prinċipju kardinali jibqa' dejjem dak illi f'każ ta' dubju l-eċċezzjoni trid tiġi miċħuda.*

L-Ewwel Element – Eadem res

*Illi l-ewwel element huwa dak li jirrigwarda l-*eadem res*, fejn din timplika li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba li tkun saret u minn hemm kien hemm deċiżjoni finali fuqha u għalhekk għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk wieħed għandu jeżamina jekk il-pretensjonijiet imressqa permezz tal-azzjoni attriċi kienu diġà ġew deċiżi f'sentenza oħra jew le u kienet waħda finali u għalhekk ġudikat. Illi jekk fit-tieni kawża hemm talbiet differenti minn dik tal-ewwel kawża, allura f'dan il-każ ma jkunx hemm ostakolu li t-tieni kawża titkompla għaliex ma tkunx in ġudikat jew* res judicata*. Fi ftit kliem dak illi jirrikjedi dan l-element huwa li jiġi meqjus jekk il-punt sollevat fil-kawża l-ġdida kienx diġà trattat u deċiż fil-kawża preċedenti. Illi dan il-prinċipju wkoll ġie deċiż fis-sentenza* ***Rabat Construction Ltd v. Cutajar Construction Company Limited – deċiża fid-9 ta' Jannar, 2002 mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili****, fejn intqal hekk:*

> "tinkorpora li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat."

*Illi wkoll intqal fir-rigward tal-"*eadem res*", din tinkorpora li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għal talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Illi fis-sentenza* ***"Joseph Ellul Mercer noe et vs Albert Borg Olivier de Puget et"*** *(Appell 7 ta' Frar, 1958, Vol. XLII. I. 5; p. 10), il-Qorti sostniet li:*

> "wieħed mir-rekwiżiti li jeħtieġ jikkonkorru sabiex jista' jiġi invokat il-ġudikat hu dak tal-identità tal-oġġett ('eadem res')."

*Illi diversi awturi fuq dan il-punt jagħtu interpretazzjoni ta' kif għandha tiġi meqjusa l-kwistjoni tal-*eadem res*. Illi jidher li l-aħjar mod hu li teżamina jekk il-kwistjoni mqajma fit-talbiet attriċi ġietx jew le deċiża minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat.*

*Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet ġewx determinati mis-sentenza l-oħra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun ġiet diskussa u deċiża, allura jkun hemm l-identità tal-oġġett. Illi fuq dan il-punt il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza* ***Camilleri vs Pace*** *(A.Ċ. 5 ta' Novembru, 1951) fejn intqal hekk:*

> *"*Per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto si controverte se sua seconda domanda abbia carattere di novità o piuttosto presenti identità della 'causa petendi', già sperimintata in altre precedente, si deve aver riguardo non soltanto al titolo o nome dell'azione, nonche' alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all'intento ed al fine la parte si propone di conseguire."

*Illi wkoll fil-kawża* ***Assunta Cassar vs. Dr. Carmelo Zammit noe*** *Appell Ċivili 10 ta' Diċembru, 1956 – Vol. XL. I. 402) ġie rilevat li "...* għalkemm biex jista' jiġi invokat il-ġudikat hemm bżonn l-identità tal-oġġett, din l-identità m'hemmx bżonn tkun assoluta." *Dan il-prinċipju ukoll ħareġ mill-kawża fl-ismijiet* ***Catherine Portelli vs Joseph Cachia et*** *(Q.K. 10 ta' Diċembru, 1992 – Vol. LXXVI.I.V.719) fejn il-Qorti tenniet li "*dwar l-identità tal-ħaġa mitluba hu paċifikament ammess li mhux neċessarju li l-identità tkun assoluta u materjali iżda biżżejjed l-identità ġuridika."

*Illi f'dan il-każ, il-konvenuti għamlu pjenament referenza għal kawżi oħra fejn kienu inħarġu mandati u kien hemm talbiet sabiex jiġu revokati (ara avviż 35/2017FDP u 34/17FDP rigward il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 213/17 u 214/17). Illi f'dawn iż-żewġ talbiet li saru kienu jirrigwardaw li jiġu revokati sew għal kollox jew parti minn mandat ta' sekwestru li kien inħareġ. Illi mit-talba attriċi hemm ukoll talba fejn ġie invokat l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li l-ħruġ ta' dawn il-mandati kienu frivoli u vessatorji u timponi penali a tenur tal-istess sub-artikolu.*

*Illi għalhekk fit-talbiet li saru mill-atturi fl-avviż numru 34/17FDP u 35/17FDP (b'referenza għall-mandati 213/2017 u 214/2017) huma simili għal kollox fejn l-ewwel talbu r-revoka u wara li jkun hemm penali taħt dak li hemm fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fit-talba li saret fil-kawża odjerna saret referenza għal dawn l-istess mandati li kienu nħarġu fil-kawżi msemmija hawn fuq. Illi wkoll saret għal żewġ kawżi (29/2017FDP u 30/2017FDP) oħra li minnhom kien inħareġ il-mandati kawtelatorji msemmija hawn fuq. Illi fir-rikors promutur tal-atturi talbu li minħabba li l-konvenut ma kienx kompla l-kawża u ġiet ikkanċellata mil-lista, il-ħruġ taż-żewġ mandati kienu saru b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju u dan għall-finijiet tas-sub-inċiż (d) tas-sub-artikolu (8) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalhekk l-atturi f'dawn il-proċeduri qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tapplika l-artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għal din il-Qorti huwa ċar li fil-kawżi preċedenti, l-atturi qegħdin jitolbu l-istess ħaġa u ċioe l-għoti tal-penali taħt l-artikolu*

*836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalhekk dan l-element* eadem res *ġie pruvat.*

It-Tieni element – eadem causa petendi

*Illi rigward dan l-element u ċioe l-*eadem causa petendi*, irid ikun hemm li l-kawżali tat-talba l-ġdida hija bbażata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba li kienet ġiet deċiża f'sentenza oħra u li saret waħda finali. Il-Qorti tagħmel referenza għal kawża deċiża fl-ismijiet* ***Crocifissa Sammut et vs Joseph Spiteri*** *deċiża fl-24 ta' Marzu, 2000 fejn intqal hekk fuq dan il-punt:*

> "Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jingħad illi fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna din il-kwistjoni hija konkordi li l-ġudikat jifforma ruħhu mhux biss għar-rigward ta' dak li ġie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu ġie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eċċezzjonijiet tagħha; u l-ġudikat ma jiġix nieqes minħabba d-diversità tal-motivi tal-*'causa petendi'* ("**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited**" **– FGC, 4 ta' Ġunju, 1999).**
>
> Illi fis-sentenza **Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine** (**App. 6 ta' Marzu, 1950 – XXXIV.I.74**) li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera 'il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione' **(Cesare Baldi, Manuale Prattico di Diritto Civile, Vol. I. P. 818).**
>
> L-istess ingħad fis-sentenza '**Antonio Dagri vs Emanuele Dingli'** (Ap. 27 ta' April, 1953) u ċioe li 'hu paċifiku li l-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in mertu għall-azzjoni, kien missha, jew setgħet ġiet sollevata in relazzjoni għall-azzjoni stess.' L-istess ingħad fis-sentenza **Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato (Ap. 2 ta' Marzu, 1956 – XL.I.65)** li 'ma jistax ikun leċitu lill-appellant li jerġa' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija deċiżjoni preċedenti, billi jġib 'il quddiem raġunijiet jew provi li jkun jaf bihom, u li seta' u messu jġib fil-kors tal-proċess l-ieħor. Jekk ma għamilx hekk *'imputet sibi'*; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Ġunju, 1955 ma tistax tiġi injorata u mqiegħda fil-ġenb għar-raġunijiet pre-eżistenti għall-prolazzjoni tagħha, allegati serotinament'. L-istess ġie ritenut fis-sentenza '**Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana' – 11 ta' Ġunju, 1956 – XLB.I.555)**."

*Fil-każ ta' llum, il-Qorti tirribadixxi u tagħmel referenza għal kawża fl-ismijiet* ***Jan Christian Nygaard v Carmen Nygaard*** *(PA JZM – 15 ta' Settembru, 2014) jispjega illi l-*"causa petendi" *hija*

"the title on which the demand is based. Illi għalhekk din hija t-titlu, ċioe, il-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Illi sabiex il-kundizzjoni tal-*"eadem causa petendi"* tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuta fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat."

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, it-talba magħmula f'din il-kawża odjerna hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talbiet preċedenti li nfetħu kontra l-konvenut sabiex jiġi applikat kontrih l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-fatt jekk wieħed iħares lejn l-istess sentenzi mogħtija nhar id-9 ta' Marzu, 2017, ġie espress b'mod ċar anki fl-istess deċiżjonijiet li kienu l-bażi mibnija fuq l-artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar li kkonkludiet li t-talba kif redatta mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat ma tistax tiġi kunsidrata favorevolment. Illi għalhekk anki dan l-element ġie wkoll ippruvat.*

It-tielet element – eadem personae

*Il-Qorti tagħmel referenza għal kawżi preċedenti fejn oriġinalment infetħu mid-defunta Daphne Anne Caruana Galizia. Illi l-kawżi li kien hemm fil-konfront tagħha inkluż il-mandati maħruġa kienu lkoll kontra tagħha. Illi ġara mal-mewt tagħha, b'rikors preżentat fil-11 ta' Jannar, 2018 fil-kawża numru 30/2017FDP u 29/2017FDP talbu sabiex issir il-leġittimazzjoni tal-atti u għaldaqstant talbu li l-ġudizzju jiġi trasfuż f'isimhom u ċioe f'isem l-atturi fil-kawża odjerna. Illi għalhekk ladarba din il-proċedura saret u l-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba, kull każ ġie trasfuż f'isimhom. Ill għalhekk dan l-aħħar element tal-azzjoni jirrikjedi li s-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tkun bejn l-istess persuni bħal dawk fil-kawża riproposta. Dan ifisser illi jekk parti ma kinitx parteċipi jew rappreżentata fil-kawża li għaddiet in ġudikat ma jistax jingħad illi hija marbuta b'dik id-deċiżjoni. Illi għalhekk fil-kawża odjerna, hemm l-istess persuni li intavolaw dawn il-proċeduri u għalhekk din il-Qorti tara li anke dan l-element ġie sodisfatt.*

*Sodisfatti t-tliet elementi li jsawru l-eċċezzjoni, il-Qorti tqis l-eċċezzjoni bħala mistħoqqa. Konsegwentement, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni waqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrenti fis-7 ta' Mejju, 2024, l-appellanti talbu lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti

mogħtija fil-15 t'April, 2024, u minflok tiċħad l-eċċezzjoni tar-*res judicata* sollevata mill-appellat, filwaqt li tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tkompli tinstema' fil-mertu.

6. L-appellanti spjegaw li l-fatti li taw lok għal din il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti u għall-appell odjern, huma żewġ kawżi ta' libell intavolati mill-appellat fis-6 ta' Frar, 2017 fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia fuq l-istess storja. L-appellanti spjegaw li dan sar sabiex l-appellat jimmassimizza l-effett tal-kawżi fuq l-istess ġurnalista u fuq il-midja b'mod ġenerali, u fl-istess waqt l-assistent tal-intimat imsemmi fl-istess storja, intavola żewġ kawżi u żewġ mandati ta' sekwestru separati għall-istess skop. L-appellanti spjegaw li fis-7 ta' Frar, 2017, l-appellat talab u kiseb il-ħruġ ta' żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji fl-ammont ta' €11,646.87, kull wieħed fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia, għal darb'oħra sabiex jimmassimizza d-dannu għaliha u bl-intiża li jħalli *chilling effect* fuq il-midja lokali. Fit-13 ta' Frar, 2017, Daphne Caruana Galizia talbet ir-revoka totali jew in parti tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorju abbażi tal-artikolu 836(b),(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex hija dehrilha li l-mandati kienu saru b'malizzja, u l-Qorti intalbet ukoll timponi penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12. L-appellanti spjegaw li t-talba ta' Daphne Caruana Galizia għar-revoka tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorji u għall-konsegwenzjali penali, ġiet miċħuda wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li hija tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ l-att kawtelatorju fuq talba tiegħu, sabiex iħallas penali bħal dawk mitluba, f'kull każ minn dawn li ġejjin (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi; (b) jekk fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ

jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed, b'dan illi, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat; (ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur tkun magħrufa sew; u (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun saret b'malizzja, tkun frivola jew tkun vessatorja. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li mill-istħarriġ *prima facie* tal-fatti kif esposti quddiemha, l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma kienet tirriżulta, u għalhekk it-talba għall-ħlas tal-penali kif mitluba mill-intimata fil-konfront tar-rikorrent, ma setgħetx tiġi kkunsidrata favorevolment.

7. L-appellanti spjegaw li bejn l-24 t'April, 2017 sa ma ntemmu ż-żewġ kawżi, l-appellat ma ppreżenta l-ebda prova in sostenn tat-talbiet tiegħu, iżda kien biss oppona li jiġu sekwestrati t-*TAP files* mill-*mobile* tiegħu, li kienu ser jippruvaw fejn kien qiegħed l-appellat fiż-żmien meta nkitbet l-istorja li huwa kien qiegħed jilmenta dwarha.

8. L-appellanti spjegaw li l-ġurnalista Daphne Caruana Galizia nqatlet fis-16 ta' Ottubru, 2017, u fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2018, l-avukat difensur tal-appellanti kien talab il-liberatorja, peress li l-appellat kien wera nuqqas ta' interess fil-kawża tiegħu stess. L-appellanti qalu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet laqgħet it-talba tagħhom dakinhar stess, u kkanċellat il-kawża minn fuq il-lista, filwaqt li minn dakinhar skatta terminu ta' tliet xhur biex l-appellat jerġa'

jirriappunta l-kawżi, iżda dan baqa' ma seħħx. L-appellanti spjegaw li huma ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata,* u li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet. L-appellanti qalu li l-Ewwel Qorti osservat li jekk jirriżulta tibdil fiċ-ċirkostanzi, ma jkunx possibbli li tintlaqa' l-eċċezzjoni tar-*res judicata*, u l-kawża tkun tista' terġa' tiġi proposta mingħajr diffikultà, filwaqt li l-prinċipju jibqa' dejjem li f'każ ta' dubju, dik l-eċċezzjoni trid tiġi miċħuda. L-appellanti qalu li huwa stramb kif wara li għamlet din l-affermazzjoni, l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel stħarriġ dwar jekk f'dan il-każ kienx hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi. L-appellanti spjegaw li r-rikors tat-13 ta' Frar, 2017 sar qabel bdew jinstemgħu l-kawżi ta' libell, u għalhekk kien għadu mhuwiex magħruf l-estent tal-vessatorjetà u frivolità tat-talbiet tar-rikorrent. Qalu li l-Ewwel Qorti kienet għamlitha ċara li hija kienet rat l-affarijiet fi stadju bikri tal-proċeduri u fuq bażi *prima facie,* u fil-fatt il-Qorti kienet irrimarkat li ma jidhirx li ċ-ċirkostanzi imsemmija kienu ser jirriżultaw. L-appellanti qalu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet qiegħda tagħmilha ċara li, fuq bażi *prima facie,* minn dak li kellha quddiemha, ma setgħetx tgħid jekk xi waħda minn dawk l-erba' ċirkostanzi kinux ser jirriżultaw, u għalhekk ċaħdet it-talba. Qalu li huwa ovvju li issa li l-każ ġie fi tmiemu, iċ-ċirkostanzi irriżultaw. Qalu wkoll li dak li ngħata fid-9 ta' Marzu, 2024 kien digriet interlokutorju fuq talba li saret fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, li jfisser li kien japplika għalih l-artikolu 230 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. L-appellanti qalu li lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellu jirriżultalha li l-appellat intavola żewġ kawżi fuq l-istess mertu u żewġ mandati kawtelatorji fuq l-istess mertu, sabiex jimmassimizza d-danni lill-ġurnalista, kif ukoll iċ-*chilling effect* fuq il-ġurnaliżmu f'Malta, anki fl-isfond tal-fatt li l-assistent tal-appellat,

imsemmi fl-istess storja, bl-istess avukat, intavola żewġ kawżi u żewġ mandati oħra separati għall-istess effett; li l-appellat ma ġab l-ebda prova sabiex jissostanzja t-talbiet tiegħu; li l-appellat naqas milli jidher għas-seduti tal-kawżi ta' libell; u li l-appellat naqas milli jitlob ir-riappuntament tal-kawżi ta' libell. Qalu li l-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni tal-fatti kollha li żvolġew minn meta ġie intavolat ir-rikors għar-revoka tal-mandati sa meta bdiet din il-kawża għall-kundanna għal ħlas ta' penali għal mandati frivoli, u dan ladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet rat l-affarijiet biss fuq bażi *prima facie* qabel inbdew il-proċeduri ta' libell. L-appellanti qalu li għalhekk il-*causa petendi* f'din il-kawża ma kinitx l-istess bħal dik fir-rikors intavolat fl-atti tal-mandat innifsu, li wassal biss għal digriet interlokutorju.

10. L-appellanti qalu wkoll li jidher li l-Ewwel Qorti ftit li xejn fliet il-provi miġjuba quddiemha fl-istħarriġ tagħha dwar dan l-element tal-eċċezzjoni tar-*res judicata.* L-appellanti qalu li minflok ma l-Ewwel Qorti indagat verament fuq l-*eadem causa petendi,* din reġgħet ikkunsidrat jekk l-oġġett (l-*eadem res*) tal-kawża kienx l-istess, billi qieset biss li t-talbiet kienu imsejsin fuq l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12. Qalu li dan mhux biżżejjed għall-fini tal-*eadem causa petendi,* u l-Ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni wkoll tal-fatt li l-appellanti llum huma f'pożizzjoni ferm differenti minn dik li kienet fiha Daphne Caruana Galizia meta intavolat ir-rikors għar-revoka tal-mandati. Qalu li filwaqt li Daphne Caruana Galizia kienet ġabet a konjizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-fatti kif kienu magħrufa lilha dak iż-żmien, ma setgħetx tkun taf kif l-appellat kien sejjer jissostanzja rikors ta' libell fil-Qorti, iżda min-naħa l-oħra huma intavolaw dan ir-rikors bil-konsapevolezza sħiħa li r-rikors ta' libell ma ġie ssostanzjat bl-ebda mod.

**Ir-Risposta tal-Appell**

11. L-appellat qal li l-aggravju mressaq mill-appellanti, mhuwiex fondat, anzi huwa frivolu u vessatorju. Qal li huwa intavola żewġ kawżi ta' libell fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia fir-rigward ta' żewġ artikli separati minn sensiela ta' artikli li hija kitbet dwaru fil-*blog* tagħha. Qal li huwa intavola żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji in relazzjoni mal-imsemmija żewġ kawżi ta' libell, sabiex b'hekk ikun jista' jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward tad-danni li jistgħu jkunu dovuti lilu. Qal ukoll li dawn il-mandati ta' sekwestru kawtelatorji saru fid-dawl tal-fatt li huwa kien ingħata informazzjoni li Daphne Caruana Galizia kellha diversi kawżi ta' libell fil-konfront tagħha, u fil-passat kien hemm diffikultà biex jinġabar dak dovut minn min kien fetħilha l-kawżi ta' libell. Qal ukoll li l-liġi applikabbli għall-kawżi ta' malafama, il-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, kienet tagħti dritt lil persuni aggravati li jintavolaw proċeduri kemm kriminali kif ukoll ċivili fil-konfront ta' kwalunkwe persuna, inkluż ġurnalisti, li jippubblikaw materjal malafamanti fil-konfront tagħhom. Qal li għalhekk ma kien hemm xejn irregolari f'dawn il-mandati. L-appellat spjega li fit-13 ta' Frar, 2017, Daphne Caruana Galizia talbet ir-revoka tal-mandati ta' sekwestru, u talbet ukoll li jiġi ddikjarat li tali mandati saru bi skop frivolu u vessatorju, u għalhekk talbet għall-impożizzjoni ta' penali a tenur tal-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat qal li permezz ta' żewġ digrieti mogħtija fid-9 ta' Marzu, 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talbiet kollha ta' Daphne Caruana Galizia, inkluż it-talba tagħha għall-ħlas tal-penali rikjesti fil-kontro-mandati mitlub minnha stess. Qal li sussegwentement, Caruana Galizia ddepożitat l-ammont kollu kawtelat bil-mandati ta' sekwestru kawtelatorji

permezz ta' ċedoli ta' depożitu, u għalhekk permezz ta' kontro-mandat dekretat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 t'April, 2017, l-effetti tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorji numru 213/17 u 214/17 twaqqfu. L-appellat qal li filwaqt li l-appellanti jgħidu li fil-proċeduri ta' libell ma tressqu l-ebda provi, li ġara kien li saru diversi seduti li matulhom intalbu differimenti, oħrajn li saru wara l-qtil tal-ġurnalista, u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li l-kawża titħalla għal-leġittimazzjoni tal-atti. Qalu li fil-5 ta' Marzu, 2018 kien hemm qbil bejn il-partijiet li jkun hemm differiment. Qalu li fis-26 t'April, 2018 xehed Dr Peter Caruana Galizia, li kkonferma li x-xewqa tiegħu kienet li l-kawżi jiġu ċeduti, filwaqt li fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2018, l-appellat naqas milli jidher għaliex kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet, u anki minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi. L-appellat qal li kien dakinhar li l-appellanti ħadu l-opportunità jitolbu l-liberatorja, liema talba ġiet akkordata. L-appellat qal li mix-xhieda ta' Dr Peter Caruana Galizia, għandu jirriżulta li minkejja li dan iddefenda l-pożizzjoni tal-mara tiegħu, huwa lanqas biss kellu idea x'kitbet, u għalhekk kien ser ikun hemm battalja biex tiġi stabbilita l-verità, u kien għalhekk li huwa ma talabx li l-kawżi jerġgħu jitpoġġew fuq il-lista. Qal li dan sar ukoll fid-dawl tal-pressjoni li saret dak iż-żmien mill-midja, u fuq livell internazzjonali.

12. B'riferiment speċifiku għall-aggravju mressaq mill-appellanti, l-appellat qal li l-Ewwel Qorti kkunsidrat it-tliet elementi tal-eċċezzjoni ta' *res judicata*, l-*eadem res,* l-*eadem causa petendi* u l-*eadem personae.* Qal li l-ewwel element tal-*eadem res* jirrigwardja l-oġġett mitlub, jiġifieri jekk it-talba kinitx identika għal dik li tkun saret, u li jkun hemm deċiżjoni finali fuqha. Qal li fil-proċeduri intavolati minn Daphne Caruana Galizia bir-referenza 34/17 u 35/17 rispettivament, intalbet ir-revoka tal-mandati, u li tiġi mposta penali taħt l-

artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li f'dawn il-proċeduri, l-appellanti qegħdin jitolbu li jiġu mposti penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, u dawn il-penali ntalbu konsegwenza tal-istess mandati li kienu diġà ġew ukoll ittrattati fil-proċeduri preċedenti. Qal li għalhekk it-talbiet huma għal kollox identiċi.

13. B'riferiment għat-tieni element, l-appellat qal li dan ifisser li l-kawżali tat-talba l-ġdida, tkun ibbażata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba li kienet ġiet deċiża f'sentenza oħra, u li saret waħda finali. Qal li l-appellanti jallegaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konsiderazzjoni tagħha, u dan għaliex hija reġgħet ikkunsidrat it-talbiet f'din il-kawża, mingħajr ma kkunsidrat illi l-pożizzjoni tagħhom kienet ferm differenti. Qal li huwa inkonċepibbli kif l-appellanti jdawru dan l-element abbażi tal-allegata pożizzjoni differenti tagħhom, meta huwa evidenti li l-kawżali kontenuta f'dawn il-proċeduri hija fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talbiet preċedenti mressqa minn Daphne Caruana Galizia, liema talbiet ġew deċiżi definittivament. Qal li meta wieħed iħares lejn l-avviż f'dawn il-proċeduri, għalkemm huwa jisħaq li anki dan kien magħmul proċeduralment ħażin, huwa evidenti li l-mertu huwa l-stess, u l-punt kontrovers huwa l-istess u ċioe jekk il-mandati kawtelatorji nħarġux b'mod frivolu u vessatorju. Qal li l-liġi viġenti fiż-żmien meta saru l-mandati, kienet tippermetti lill-Qorti Ċivili kompetenti li tagħti lill-persuna offiża massimu ta' €11,646.87 bħala danni, u dan minbarra d-danni li setgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ dwar telf jew ħsara attwali. L-appellat qal li kien għalhekk li huwa aġixxa *ai termini* tal-liġi sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni tiegħu.

14. B'riferiment għall-element tal-*eadem causa petendi,* l-appellat qal li dawn il-proċeduri oriġinarjament kienu ġew assenjati lill-Maġistrat (illum Imħallef) Francesco Depasquale, li kien astjena a tenur tal-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12 għaliex huwa kien diġà ta deċiżjoni definittiva dwar il-mertu bejn il-partijiet. Qal li kieku kien il-każ li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rat l-affarijiet biss fuq bażi *prima facie,* kif jallegaw l-appellanti, ma kien ikun hemm l-ebda deċiżjoni definittiva fil-mertu, u l-Maġistrat Depasquale ma kienx jastjeni milli jiddeċiedi l-kawża.

15. L-appellat qal ukoll li t-talba tal-appellanti ma setgħetx tirnexxi għaliex dawn setgħu jipproċedu taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 fejn l-att kawtelatorju kien għadu *in vigore.* Qal li ladarba l-mandati kienu ġew imħassra, l-azzjoni għall-penali *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 ma setgħetx tirnexxi, u dan għaliex l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 jikkonċerna sitwazzjoni fejn l-att kien għadu *in vigore.* Qal li ladarba l-mandati ġew imħassra, l-azzjoni għall-penali ma setgħetx tirnexxi stante li l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 kien maħsub sabiex min ikun qiegħed isofri l-effetti ta' mandat kawtelatorju, ikollu rimedji pprovduti permezz tal-istess dispożizzjonijiet tal-liġi għal kontro-mandat, għat-tneħħija tal-effetti tiegħu, u fejn permess mil-liġi, għall-impożizzjoni ta' penali fil-każijiet speċifikati taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12. L-appellat qal ukoll li l-iter li segwiet il-kawża għandu juri għal liema raġunijiet huwa kien għadu ma ressaq l-ebda prova fil-proċeduri ta' libell istitwiti minnu. Qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-element tal-*eadem causa petendi* ġie ppruvat ukoll.

16. B'riferiment għat-tielet element tal-*eadem personae,* l-appellat qal li dan ukoll ġie ppruvat, u dan għaliex il-kawżi b'referenza 34/17 u 35/17 kienu infetħu minn Daphne Caruana Galizia fil-konfront tiegħu, u mal-mewt tagħha l-

appellanti kienu talbu l-leġittimazzjoni tal-atti, u għalhekk il-ġudizzju ġie trasfuż f'isimhom. Qal li f'dak il-mument, kull kawża jew att relatat ma' dawk il-kawżi kien sar daqs li kieku sar minnhom jew kontra tagħhom, skont il-każ.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

17. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat.

*L-Aggravju:* *[l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-appellat li l-kawża kienet għaddiet in ġudikat. Ma kien hemm l-ebda ġudikat għaliex kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi]*

18. L-appellanti spjegaw li filwaqt li l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha qieset li huwa imperattiv, fejn titqajjem l-eċċezzjoni tar-*res judicata* li ċ-ċirkostanzi fil-kawża li tkun għaddiet in ġudikat ikunu identiċi għall-kawża kif proposta, u f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi ma jkunx possibbli li l-eċċezzjoni ta' *res judicata* tintlaqa', l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel analiżi dettaljata dwar jekk f'dan il-każ kienx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi. Qalu li Daphne Caruana Galizia kienet ipproponiet kawża għall-ħlas ta' penali *ai termini* tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kawża ma kellhiex eżitu favorevoli għaliha wara li l-Qorti ikkunsidrat il-każ *prima facie*. Qalu li min-naħa l-oħra l-kawża proposta minnhom saret f'ċirkostanzi differenti, jiġifieri wara li kienu saru diversi seduti quddiem il-Qorti li kellha tisma' l-kawżi ta' libell, li uħud minnhom saru wara l-

mewt ta' Daphne Caruana Galizia, u wara li l-appellat naqas milli jressaq provi in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu, u l-eżitu tal-kawżi ta' libell kienet it-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista wara li l-appellat naqas milli jidher f'seduta minnhom. L-appellanti jgħidu li kien fid-dawl tal-fatt li l-appellat naqas milli jitlob ir-riappuntament tal-kawżi sabiex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu, li huma fetħu l-proċeduri odjerni li permezz tagħhom qegħdin jitolbu l-ħlas ta' penali *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex fil-fehma tagħhom il-mandati ta' sekwestru kawtelatorji u ż-żewġ kawżi ta' libell istitwiti mill-appellat, saru b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju.

19. Il-Qorti kkunsidrat li l-appellanti istitwew il-proċeduri odjerni b'talba speċifika, jiġifieri li l-Qorti tillikwida l-ħlas ta' penali li għandhom jitħallsu lilhom wara li ż-żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji ġew irtirati filwaqt li fil-kawżi ta' libell ingħatat il-liberatorja, wara li l-appellat naqas milli jidher f'waħda mis-seduti. L-appellanti jgħidu li huwa fil-kuntest ta' dawk iċ-ċirkostanzi li huma pproponew din l-azzjoni tagħhom għall-ħlas ta' penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, u ċ-ċirkostanzi odjerni huma differenti ferm minn dawk li kienet fihom Daphne Caruana Galizia meta pproponiet l-azzjoni tagħha *ai termini* tal-istess artikolu tal-liġi, għaliex dak iż-żmien hija ma kellhiex mod kif tistabbilixxi kemm kienu frivoli u vessatorji l-pretensjonijiet tal-appellat fil-konfront tagħha. Qalu li kien biss wara li baqgħet ma tressqet l-ebda prova min-naħa tal-appellat, u wara li huma ngħataw l-liberatorja, u sussegwentement l-appellat naqas milli jitlob ir-riappuntament tal-kawża, li huma ddeċidew li jipproponu din l-azzjoni.

20. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ddeċidiet li t-talba tal-appellanti kienet għaddiet in ġudikat, u dan għaliex minkejja li fiż-żewġ

kawżi hemm l-identità tal-oġġett tal-ġudizzju, u minkejja li l-fatt ġuridiku huwa l-istess, u l-appellanti qegħdin jidhru fil-proċeduri odjerni fl-istess kwalità li dehret fiha Daphne Caruana Galizia meta pproponiet l-azzjoni tagħha *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, u l-appellat huwa wkoll l-istess parti intimata fl-ewwel proċeduri, għandu jiġi puntwalizzat li ċ-ċirkostanzi li fihom ġiet proposta l-azzjoni odjerna mill-appellanti, kienu differenti minn dawk li kienet fihom Daphne Caruana Galizia meta pproponiet l-azzjoni tagħha prattikament ftit ġranet biss wara li ġew ippreżentati l-kawżi ta' libell, u ftit ġranet biss wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talba tal-appellat għall-ħruġ tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorji kontra tagħha. Fil-fatt it-talba ta' Daphne Caruana Galizia għall-kundanna u għal-likwidazzjoni tal-penali li hija ppretendiet li għandhom jitħallsu lilha taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, saret qabel ma hija ddepożitat l-ammont ta' flus issekwestrati mill-kont bankarju tagħha permezz ta' ċedoli ta' depożitu, u qabel ma bdew jinstemgħu l-kawżi ta' libell istitwiti kontra tagħha mill-appellat. Filwaqt  li l-Ewwel Qorti fehmet l-importanza li ċ-ċirkostanzi ta' kawża li tkun għaddiet in ġudikat ikunu identiċi għal dawk tat-tieni kawża proposta, u li f'każ ta' bidla fiċ-ċirkostanzi ma jkunx possibbli li tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat, l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel analiżi dettaljata dwar jekk iċ-ċirkostanzi kinux għadhom l-istess, jew inkella kinux inbidlu. Il-Qorti tqis li filwaqt li l-azzjoni li kienet ġiet ittentata minn Daphne Caruana Galizia kienet immotivata mill-fatt li qatt qabel f'kawża ta' libell, ma kien intalab mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u kien għalhekk li hija ħassitha vvessata bl-azzjoni tal-appellat, l-azzjoni ttentata mill-appellanti u li minnha qiegħed isir l-appell odjern, infetħet f'ċirkostanzi fejn l-azzjoni ta' libell ma tkomplietx għal raġunijiet li din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fihom, u l-

appellat ma wera l-ebda interess ikompli jiddefendi l-azzjoni li kien istitwixxa huwa stess sabiex inaddaf ismu. Kien f'dak il-kuntest li l-appellanti ħassew li kienu ġustifikati jressqu talba quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiġi mposta penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex fil-fehma tagħhom, bil-mod kif ġab ruħhu l-appellat, kien juri li t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, kienet immotivata minn malizzja u minn raġunijiet frivoli u vessatorji. Għaldaqstant, safejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-appellat li l-kawża proposta mill-appellanti kienet diġà għaddiet in ġudikat, din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-Ewwel Qorti, għaliex iċ-ċirkostanzi li fihom ġiet proposta l-azzjoni mill-appellanti, huma differenti minn dawk prevalenti fiż-żmien meta Daphne Caruana Galizia ttentat l-azzjoni tagħha *ai termini* tal-istess artikolu tal-liġi.

21. Din il-Qorti trid tippreċiża, in vista ta' dak li ntqal waqt it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet, li hija la tista' u lanqas għandha l-ħtieġa li tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, anki għaliex hija tinsab sprovvista mill-provi li straħu fuqhom il-partijiet sabiex jispjegaw il-pożizzjoni rispettiva tagħhom lil din il-Qorti. L-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-appell, ma jinvolvix stħarriġ tal-veraċità ta' dak ippubblikat jew imxandar, jew tal-grad ta' preġudizzju jew malafama allegatament soffert mill-appellat, u li jirriżulta li wassal lill-appellat sabiex jippreżenta ż-żewġ kawżi ta' libell u tat-talba tiegħu għall-ħruġ ta' żewġ mandati ta' sekwestri kawtelatorji. Din il-Qorti la ntalbet, u lanqas m'għandha l-mansjoni li tagħti xi deċiżjoni dwar il-mertu tal-kawżi ta' libell in kwistjoni, u l-Qorti tħoss il-ħtieġa li tippreċiża dan, proprju minħabba d-direzzjoni li ħadu l-avukati difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti.

22. Il-Qorti trid tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni punt imqajjem mill-appellat fir-rigward tal-proċedura li għamlu użu minnha l-appellanti meta ppreponew l-azzjoni tagħhom *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12. L-appellat jgħid li azzjoni taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 setgħet tiġi proposta biss fil-kuntest ta' mandat kawtelatorju li jkun għadu *in vigore,* u mhux meta l-effetti tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni kienu ilhom li tneħħew, kif jirriżulta li ġara fil-każ odjern meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talba ta' Daphne Caruana Galizia għall-ħruġ tal-kontro-mandati opportuni, in vista tal-fatt li l-ammont milqut bil-mandati ta' sekwestru kawtelatorju, kien ġie ddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti.

23. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak stabbilit fil-ġurisprudenza dwar il-jedd tal-parti eżekutata li titlob il-likwidazzjoni tal-penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hekk per eżempju, fid-deċiżjoni fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 796/17 fl-ismijiet **Dimbros Limited *vs* Philip Agius & Sons**[1], il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista</u>' taqbel li tgħabbi li min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. (fn. 8: ara PA. T.M. **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.**). Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li*

[1] P.A.Q.Ċ., 21.08.2017.

*ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. (fn. 9: App. Ċiv.* ***13.3.2001*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut****). Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku mmirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."*

24. Fid-deċiżjoni fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru numru 289/17 fl-ismijiet **Office Group Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar et**[2], il-Qorti qalet hekk:

*"Illi fil-każ tal-lum, AI ma tispeċifika l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet fl-artikolu 836(8) li dwarhom temmen li din il-Qorti jmissha tikkundanna lil Office Group biex tħallas "l-ogħla penali".* ***Hija ssemmi wkoll l-artikolu 836(9), imma hija ċara li talba taħt dik id-dispożizzjoni tal-liġi trid issir, jekk ikun il-każ, b'azzjoni għaliha u mhux bħala proċedura marbuta ma' talba għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju****." (enfasi miżjuda minn din il-Qorti)*

25. Għalhekk, dak li jrid jiġi deċiż f'dan l-istadju, huwa jekk l-appellanti kinux korretti li pproċedew b'azzjoni taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12, meta jirriżulta li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma kienx għadu fis-seħħ. L-artikolu 836 tal-Kap. 12 huwa maħsub biex jirregola l-kontro-mandati, jew aħjar, kif jistipula s-sub-artikolu (1) tiegħu, talba għar-revoka totali jew parzjali tal-mandat kawtelatorju li jkun inħareġ għal xi waħda mir-raġunijiet stipulati fis-sub-inċiżi ta' dak is-sub-artikolu tal-liġi. Fil-każ preżenti jirriżulta li l-kontro-mandati opportuni kienu nħarġu għaliex il-flus milquta bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kienu ġew iddepożitati mill-eżekutata taħt l-awtorità tal-Qorti, u għalhekk ma kienx għad hemm il-ħtieġa li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jibqa' fis-seħħ. Is-sub-artikoli kollha li jaqgħu taħt l-artikolu 836

[2] P.A.Q.Ċ., 06.04.2017.

tal-Kap. 12 huma kollha maħsuba biex jirregolaw x'għandu jiġri fil-kuntest ta' talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat, inkluż għalhekk l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, li jistipula f'liema kuntest tista' ssir talba għall-ħlas ta' penali fil-konfront tal-persuna li fuq talba tagħha jkun inħareġ mandat kawtelatorju. Il-Qorti tqis li dan l-artikolu tal-liġi mhuwiex maħsub sabiex jirregola sitwazzjoni fejn jista' jintalab l-ħlas ta' penali u danni meta l-mandat kawtelatorju ma jkunx għadu fis-seħħ, jew ikun ġie revokat għal xi raġuni, u għaldaqstant qiegħda taqbel mas-sottomissjoni tal-appellat li l-azzjoni tal-appellanti ma kellhiex tiġi proposta taħt dan l-artikolu tal-liġi, iżda taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi, kif fil-fatt kellhom dritt jagħmlu. Iżda ladarba l-mandat kawtelatorju ma kienx għadu fis-seħħ, l-appellanti ma setgħux jipproċedu b'azzjoni għall-ħlas ta' penali taħt l-artikolu tal-liġi li jirregola t-talbiet tal-parti eżekutata biex l-effetti tal-mandat jiġu rrevokati kompletament jew parzjalment. Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravju sollevat mill-appellanti, fis-sens li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ġudikat tal-Ewwel Qorti li kellu jimpedixxi l-intavolar ta' azzjoni mill-appellanti, qiegħda tiddeċiedi li l-azzjoni tal-appellanti ma setgħetx tiġi proposta taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ladarba l-mandat kawtelatorju in kwistjoni ma kienx għadu fis-seħħ.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell, billi filwaqt li tilqa' l-aggravju tal-appellanti u tiċħad l-eċċezzjoni tar-*res judicata* mressqa mill-appellat, fl-istess ħin qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-appellat li l-azzjoni promossa mill-appellanti taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**

**ma setgħetx tirnexxi, ladarba l-mandat kawtelatorju in kwistjoni m'għadux fis-seħħ.**

**Kull parti f'dawn il-proċeduri għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**